23 ta' Jannar, 1950

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

Antonio Briffa *versus* Emmanuele Duca

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Garage — Char-a-banc — Preferenza — Art. 10 tal-Kap. 109.**

*Garage fejn wieħed iżomm karrozza għall-kiri ma hux fond kummerċjali, u għalhekk mhux protett mill-liġi tal-kera. Biex garage jista' jissejjaħ fond kummerċjali hemm bżonn li jkun liċenzjat bħala tali bil-permess tal-Pulizija, u mhux biżżejjed li wieħed ikun iżomm fih il-karrozza avvolja dik il-vettura tkun char-a-banc.*

*Il-limitazzjoni imposta mill-liġi tal-kera għad-dritt tal-preferenza tas-sid mhix applikabbli għall-fondi li ma humiex "dwelling houses".*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' Antonio Briffa quddiem il-Board li jirregola l-Kera, fejn talab biex jerġa' jieħu taħt idejh il-garage no. 14, Immaculate Conception Street, Żurrieq, mikri lill-intimat Emmanuele Duca, għax iridu għall-użu tiegħu;

Rat is-sentenza mogħtija mill-imsemmi Board fis-17 ta' Ottubru 1949, li biha ġiet milqugħa t-talba, u għall-fini ta' l-

iżgumbrament ġie mogħti lill-intimat xahar żmien, bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li kkunsidrat;

Li mid-depożizzjoni ta' l-istess intimat jirriżulta li fil-garage huwa jżomm karrozza għall-kiri; imma dan ma jirrendix il-fond ta' natura kummerċjali u għalhekk protett mil-liġi. Dan il-punt ġie deċiż ħafna drabi. Biex garage jista' jitqies bħala fond kummerċjali hemm bżonn li huwa jkun liċenzjat bħala tali bil-permess tal-Pulizija, u mhux biżżejjed li wieħed iżomm fih karrozza tal-kiri, anki kieku stess din il-vettura kienet char-a-banc;

Illi l-lum huwa paċifiku li l-limitazzjoni mposta f'section 10 tal-Kap. 109 Ed. Riv. LL. ta' Malta għad-dritt tal-preferenza tas-sid mhix applikabili għal fondi li ma humiex "dwelling houses";

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Emmanuele Duca quddiem din il-Qorti, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrent, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-fatt li l-appellant fil-garage imsemmi fir-rikors qiegħed iżomm motor car li huwa jsuq, u jittrasporta nies fiha bi ħlas, ma jirrendix lill-istess appellant kummerċjant, u lanqas jirrendi fond kummerċjali l-post fejn qiegħda tinżamm dik il-car;

Illi kif sewwa qalet is-sentenza appellata, huwa paċifiku li l-limitazzjoni mposta fl-art. 10 tal-Kap. 109 (Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta) għad-dritt tal-preferenza tas-sid mhix applikabili għall-fondi li ma humiex "dwelling houses";

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera fis-17 ta' Ottubru 1949, bl-ispejjeż kontra l-appellant Emmanuel Duca; b'dana li t-terminu ta' xahar impost b'dik is-sentenza għandu jibda jgħaddi mil-lum.